**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**IT-TIENI LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 14 – IT-TLIETA, 11 TA’ AWWISSU 2015 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Stefan Bonello Ghio | Chairperson |
| | Dr Frank Bartolo | Viċi Chairperson |
| | Robert Vella Bonnici | Membru |
| | Simon Ellul Sullivan | Membru |
| | Alfred Mangion | Membru |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni tal-Minuti Numru 13**

1.1 Fil-paragrafu 2.1 għandha tidħol “Hu spejga li l-policy hi li jintbagħtu pulizija mal-iskejjel primarji tal-gvern biss u jekk ikun hemm imorru mal-iskejjel sekondarji”.

1.2 Għandu jiżdied paragrafu 3.1.9 “Is-Sur Alfred Mangon staqsa jekk inħarġitx il-PO tal-bankina ta' Triq ir-Rondun. Ġie nfurmat li nħarget il-PO fit-8 ta' Lulju 2015.

1.3 Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Dr Frank Bartolo ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mill-Minuti 13**

2.1 Rigward paragrafu 3.1.1 ġie innutat li l-kuntrattur għad irid jagħmel il-linji l-ġodda tal-parkeġġ fi Triq il-Fjamma u Triq il-Pitiross.

2.2 Rigward paragrafu 2.2 għandha tintbagħat reminder lill-kuntrattur biex jitwaħħlu l-locality maps.

2.3 Rigward paragrafu 3.1.5 ġie innutat li hemm id-dawl taż-zebra crossing mitfi.

## 3 Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

3.1 Kien hemm diskussjoni fuq ittra minn residenti mibgħuta liċ-Chairperson tal-KAC. Din tallega li fi Ġnien G M Camilleri qed ikun hemm ħafna attività relatat mal-kunsum ta' droga. Hu talab biex jitwaħħlu tabelli javżaw li fil-Ġnien qed ikun hemm abbuż ta' droga. Wara diskussjoni ġie deċiż li dawn it-tabelli ma jitwaħħlux minħabba li m'hemmx evidenza ta' abbuż ta' droga. Ġie deċiż ukoll li tintbagħat din l-allegazzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija. Din l-ittra allegat ukoll li ċ-Chairperson mhux addattat għal din l-kariga. Wara li tkompliet id-diskussjoni, ittieħed vot ta' fiduċja fiċ-Chairperson, fejn kien hemm qbil unanimu favur iċ-Chairperson.

3.2 Kien hemm diskussjoni fuq ix-xogħlijiet li għaddejjin fil-Ġnien GM Camilleri. Kien hemm diskussjoni fejn il-kumitat innotata li s-Sur Peter Calleja offra, mingħajr hlas, li jaħhmel xi superviżjoni fuq ix-xogħlijiet li għaddejjin. Kien hemm qbil fuq dan.

3.3 Il-Kumitat innotata li hemm laqgħa fl-20 ta' Awwissu 2015 mas-Sur Ray Zammit, il-Kap tal-Aġenzija tal-Gvern li ser jieħu ħsieb il-wardens. Din il-laqgħa għandha ssir rigward il-problema ta' parkeġġ fi Triq Antonio Schembri meta jkunu ħerġin u deħlin l-istudenti tal-iskola li hemm. Għandhom jattendu għal din il-laqgħa Is-Sur Sefean Bonello Ghio, is-Sur Alfred Mangion u s-Segretarju Ezekuttiv.

## 4 Affarjiet oħra

4.1 Is-Sur Alfred Mangion ġab għall-attenzjoni tal-Kumitat li hemm bozza maqtugħa fi Triq Birkirkara faċċata ta' Triq il-Gallina.

4.2 Kien hemm diskuzzjoni fuq il-knis li qed isir fi Triq Birkirkara. Il-Kumitat innotata li l-knis għandu jkun aħjar. Dan għandu jiġi kkomunikat lill-kuntrattur.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2015 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Stefan Bonello Ghio** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |